MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 105/2003

Citazzjoni Numru 105/2003

Catherine Buttigieg

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi l-att tal-mewt ta' Ludgarda Buttigieg, liema att tal-mewt igib in-numru progressiv ta' mija u ghaxra (110) ta-sena elfejn u tlieta (2003), hawn esebit u markat bhala dokument "A" huwa zbaljat kemm fl-ewwel kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom" u dana peress illi l-isem ghandu jaqra "LUDGARDA" u mhux "RICCARDA" kf ukoll fis-seba'

kolonna taht l-intestatura “Isem u Kunjom il-Genituri, jekk hajjin jew mejtin” u dana peress illi kunjom ta’ xbubita ta’ omm Ludgarda Buttigieg kien “GRIMA” u mhux “ATTARD”;

Illi l-att tat-twelid ta’ l-istess Ludgarda Buttigieg, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta’ erba’ mija u tlieta u disghin (493) tas-sena elf disa’ mija u tlieta u ghoxrin (1923), hawn esebiet u markat hala Dokument “B” huwa zbaljat fir-raba kolonna taht l-intestatura “Ismijiet moghtijin” u dana perss illi l-isem ghandu jaqra “LUDGARDA” u mhux “RICCARDA” kif ukoll taht il-hames kolonna bl-intestatura “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” u dana peress illi t-tarbija dejjem kienet imsejha “LUDGARDA” u mhux “RICCARDA”.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tal-mewt ta’ Ludgarda Buttigieg, liema att tal-mewt igib in-numru progressiv ta’ mija u ghaxra (110) tas-sena elfejn u tlieta (2003), hawn esebit u markat bhala Dokument “A” fis-sens li fl-ewwel kolonna taht l-intestatura “Isem u Kunjom” ghandu jidhol l-isem ta’ “LUDGARDA” minflok “RICCARDA” kif ukoll fis-seba’ kolonna taht l-intestatura “Isem u Kunjom il-Genituri, jekk hajjin jew mejtin” il-kunjom ta’ xbubita ta’ omm Ludgarda Buttigieg ghandu jaqra “GRIMA” u mhux “ATTARD”.

2. Tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-istess Ludgarda Buttigieg liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta’ erba’ mija u tlieta u disghin (493) tas-sena elf disa’ mija u tlieta u ghoxrin (1923), hawn esebit u markat bhala Dokument “B” fis-sens li fir-raba kolonna taht l-intestatura “Ismijiet moghtijin” l-isem ghandu jaqra “LUDGARDA” u mhux “RICCARDA” kif ukoll taht il-hames kolonna bl-intestatura “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” it-tarbija dejjem kienet imsejha “LUDGARDA” u mhux “RICCARDA” u

ghaldaqstant ghandu jkun hemm anke dina l-korrezzjoni bil-mod kif spjegat.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici debitament gruamentata, kif ukoll il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex baqa' kontumaci.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet lill-attrici bil-gurament;

Peress illi jirrizulta illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tilqa' l-istess talbiet. Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-mewt ta' Ludgarda Buttigieg, liema att tal-mewt igib in-numru progressiv ta' mija u ghaxra (110) tas-sena elfejn u tlieta fis-sens illi fl-ewwel kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom" ghandu jidhol l-isem ta' "LUDGARDA" minflok "RICCARDA" kif ukoll fis-seba' kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom il-Genituri, jekk hajjin jew mejtin" il-kunjom ta' xbubita ta' omm Ludgarda Buttigieg ghandu jaqra "GRIMA" u mhux "ATTARD".

Tordna wkoll il-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-istess Ludgarda Buttigieg, liema att tat-twelid iggib in-numru progressiv ta' erba' mija u tlieta u disghin (493) tas-sena elf disa' mija u tlieta u ghoxrin (1923), fis-sens li r-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet' moghtijn l-isem ghandu jaqra "LUDGARDA" u mhux "RICCARDA" kif ukoll taht il-hames kolonna bl-intestatura "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" it-tarbija dejjem kienet imsejha "LUDGARDA" u mhux "RICCARDA".

Spejjez jibqghu bla taxxa.

(ft.) A. Micallef Trigona

Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Ghar-Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------